**29 ta' April, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Paul Caruana in rappresentanza ta' "*Emmanuel Delicata & Co. Ltd.*"

*versus*

John O'Dea in rappresentanza ta' "*Caterlink Ltd.*" u "*It-Torri Ltd.*"

**Obbligazzjoni Kummerċjali – Inadempjenza Kontrattwali – Danni**

*Ftehim kummerċjali fejn is-soċjetà attriċi tat ċerti aġevolazzjonijiet kummerċjali marbutin minimum turnover ta' bejgħ u li ma jixtrix inbid minn terzi.*

*Irriżulta illi l-konvenut ma onorax l-obbligi kontrattwali tiegħu u b'hekk instab mill-Qorti responsabbli.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta li bi skrittura Dok. A hawn annessa, il-konvenut *nomine* obbliga ruħu mas-soċjetà attriċi li jixtri inbid biss mingħand is-soċjetà attriċi; u premess illi skond l-istess Dok. "A" is-soċjetà attriċi silfet lill-konvenut *nomine* s-somma ta' elf seba' mija u ħamsin lira (Lm1750), li kellha titħallas lura b'riduzzjonijiet li jsiru minħabba *'discount'* ta' 10% fuq il-prezz ta' l-inbid supplit; u premess illi kif ridotta s-somma mislufa llum tammonta għal elf u tmenin lira, sitta u sittin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm1080.66,2); u premess illi skond l-istess skrittura ġie miftiehem li jekk is-soċjetajiet konvenuti jonqsu milli jixtru *minimum* ta' elf lira (Lm1000) inbid fis-sena huma jkunu dovuti jirrifondu lill-attur *nomine* l-bilanċ ta' l-ammont misluf u jħallsu elf lira (Lm1000) bħala danni ġà llikwidati dovuti minħabba l-ksur tal-ftehim; u premess illi s-soċjetajiet rappresentati mill-konvenut naqsu li jixtru b'elf lira inbid mingħad l-attur *nomine* fis-sena u b'hekk kisru l-ftehim ta' l-istess skrittura, kif jidher ukoll mid-Dok. B; u premess illi l-krediti fuq imsemmija huma ċerti, likwidi u dovuti u għalhekk u minħabba l-affidavit Dok. Ċ hemm lok għad-dispensa mis-smigħ tal-kawża skond l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; l-istess attur talab li għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi deċiż illi billi s-soċjetajiet rappresentati mill-konvenuti naqsu li jixtru almenu elf lira inbid fis-sena, għalhekk il-konvenut kiser il-ftehim

ta' l-iskrittura u b'hekk irrenda ruħu responsabbli għad-danni ġâ llikwidati ta' elf lira (Lm1000); u jiġi deċiż illi minħabba li s-soċjetajiet rappresentati mill-konvenut naqsu li jixtru b'almenu elf lira inbid fis-sena mingħand l-attur *nomine*, il-konvenut *nomine* huwa obbligat iħallas lura l-bilanċ tas-somma li kienet lilu mislufa li llum jammonta għal elf u tmenin lira u sittin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm1000.66,2); u konsegwentement il-konvenut *nomine* jiġi kkundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' elf lira (Lm1000) bħala danni kif intqal fuq; u konsegwentement il-konvenut *nomine* jiġi kkundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' elf u tmenin lira sitta u sittin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm1080.66,2) dovuta in restituzzjoni ta' flus lilu mislufa kif intqal fuq; u li din il-Qorti *in vista* tad-dikjarazzjoni ta' l-attur Dok. Ċ, u tal-fatt li l-krediti huma ċerti, likwidi u dovuti, tiddeċidi l-kawża bid-dispensa mis-smigħ skond l-art. 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fuq imsemmi; Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-preżenti;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi fis-6 ta' Diċembru 1985 il-konvenut ingħata permess jikkontesta l-kawża;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi l-ammonti mitluba fiċ-ċitazzjoni m'humiex dovuti kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża – salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Eżaminat il-provi kollha li tressqu u l-atti l-oħra kollha tal-kawża, fosthom in-nota li biha l-ammont mitlub fir-raba' talba

ġie redott għas-somma ta' Lm873.83,2;

Semgħet lill-avukati tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mid-Dok. A a fol. 4 tal-proċess, kien sar ftehim iddatat 16 ta' Novembru 1978 bejn il-kontendenti li bis-saħħa tiegħu l-attur avanza s-somma ta' Lm1750 bħala self bla imgħax lill-konvenut *nomine* u kkonċedilu wkoll skont ta' 10% fuq il-"*wholesale price*" ta' l-inbid li l-konvenut kellu jixtri mingħand l-attur. Ġie miftiehem li s-somma mislufa kollha tiġi rifuża lill-attur billi dawn l-iskonti ta' 10% kellhom jiġu akkreditati lill-konvenut. Il-konvenut intrabat li jixtri b'kemm jiswa' Lm1000 inbid fis-sena mingħand l-attur u li ma jixtrix inbid mingħand terzi persuni u ġie miftiehem li jekk il-konvenut jonqos minn dawn l-obbligi tiegħu, il-bilanċ tas-self ikollu jintradd minnufih lill-attur u inoltre l-konvenut ikun obbligat li jħallas Lm1000 bħala danni likwidati għall-ksur tal-ftehim;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li dan il-ftehim beda jitħaddem u l-konvenut onorah għal erba' snin ċjoè sa l-aħħar tas-sena 1982, meta l-bilanċ tas-somma mislufa ġie ridott għas-somma ta' Lm1092.30. Fis-sena 1983 il-konvenut ġie akkreditat fuq il-kotba tas-soċjetà attriċi biss bis-somma ta' Lm10.33,0 u għalhekk il-bilanċ tas-self, mill-kotba ta' l-attur, kien indikat fis-somma ta' Lm1080.66,2, ċjoè l-ammont imsemmi fir-raba' (4) talba;

Illi l-konvenut sostna li osserva l-ftehim u li ma kienx ġie akkreditat bl-iskont miftiehem għall-inbid li xtara matul is-snin 1983, 1984 u 1985. Huwa ppreżenta numru ta' riċevuti (ara fol.

16 sa 105) in sostenn;

Illi dawn id-dokumenti ġew eżaminati mill-attur li xehed li x-xiri ta' l-inbid li għamel il-konvenut matul l-imsemmija snin ma kienx jidher fil-kotba tan-negozju ta' l-attur, peress li l-konvenut kien biddel is-sistema tal-ħlas u fejn qabel kien jixtri *"on credit"*, mis-sena 1983 beda jixtri u jħallas *"cash"* u ma kinitx qiegħda ssir kopja ta' l-*invoice* għall-uffiċċju ta' l-attur;

Bid-dokumenti esebiti mill-konvenut, skond ix-xhieda mhux kontradetta ta' l-attur, il-konvenut xatara inbid tal-valur ta' Lm860 fis-sena 1983, Lm748 fis-sena 1984 u Lm369 fis-sena 1985. Il-konvenut għandu jiġi akkreditat bl-iskont relattiv, b'mod li l-bilanċ tas-self mitlub fir-raba' talba kellu jiġi ridott għas-somma ta' Lm879.83,2. L-attur ma eskludiex li l-konvenut seta' xtara inbid ieħor u spiċċa jixhed hekk:

"Jekk il-konvenut jurina karti li jippruvaw li huwa xtara iżjed inbid mingħandna aħna nikkonsidrawhom";

Fil-fatt il-konvenut ma ressaq ebda provi biex juri li hu xtara aktar inbid mingħand l-attur;

Illi mill-provi akkwiżiti għall-proċess jirriżulta sodisfaċentement illi l-konvenut ma onerax il-klawsola numru 5 tal-ftehim billi fis-snin 1983, 1984 u 1985 hu naqas li jixtri *"a minimum of Lm1000 of the Supplier's wine per annum"*;

Konsegwentement il-konvenut sar obbligat (a) li jirrifondi immedjatament il-bilanċ tas-self lilu magħmul li jammonta għas-somma ta' Lm879.32,2; u (b) li jħallas is-somma ta' Lm1000 bħala danni likwidati għall-ksur tal-ftehim tas-16 ta' Novembru

1978;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut ma ġietx sostnuta fil-waqt li t-talbiet fil-mertu ta' l-attur, kif ridotti ġew ippruvati;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi prevja li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' fis-sens infraskritt l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attur u għalhekk tiddikjara li għar-raġuni msemmija, il-konvenut kiser il-ftehim imsemmi u b'hekk irrenda ruħu responsabbli għad-danni hemm imsemmija kif ukoll sar obbligat li jħallas il-bilanċ tas-self li llum jammonta biss għas-somma ta' Lm879.83,2. Tilqa' t-tielet talba u għalhekk tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur is-somma ta' elf lira (Lm1000) bħala danni; Tilqa' r-raba' talba kif ridotta, u għalhekk tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur is-somma ta' Lm879.83,2 (tmien mija u disgħa u sebgħin lira tlieta u tmenin ċenteżmu u żewġ milleżmi) dovuta minnu in restituzzjoni tal-bilanċ tas-somma flus lilu mislufa; u tiċħad il-ħames (5) talba;

L-ispejjeż ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba għandhom jibqgħu kollha a karigu tal-konvenut; dawk tar-raba' (4) talba għandhom jitħallsu kwantu għal 80% (tmenin fil-mija) mill-konvenut u kwantu għal 20% (għoxrin fil-mija) mill-attur waqt li l-ispejjeż tal-ħames (5) talba għandhom jitħallsu kollha mill-attur;

Il-konvenut għandu jħallas ukoll l-imgħax kummerċjali fuq is-somma ta' Lm1000 u Lm879.83,2 dekorribbli mit-2 ta' Diċembru 1985.